MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 23/2009

Kawza fil-lista: 24

**A B nee' C**
**vs**
**L-Avukat Dottor Martin Fenech u**
**l-Prokuratur Legali Victor Bugjea kuraturi deputati nominati**
**sabiex jirrapprezentaw lill-assenti D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-esponenta zzewget lill-intimat konvenuta D B fl-14 ta' Settembru, 2001 bir-rit civili Dok A.

2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u/jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha kif ser ikun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat peress li kien inkiser bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew dritt ghall-att taz-zwieg liema att taz-zwieg fil-fatt qatt ma sar bejn il-partijiet.

4. Illi ser jirrizulta wkoll li fil-fatt il-partijiet ma riedux li jkun hemm tfal rizultanti mir-relazzjoni taz-zwieg bejn il-partijiet.

5. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ukoll ai termini ta' l-artikoli ohra relevanti taht l-att XXXVII tal-1975 li jirregola z-zwigijiet.

Jghid ghalhekk, il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet kontendenti A B nee' C u D B debitament ikkontrattat fl-14 ta' Settembru 2001 huwa null u bla effett ai finijiet u effetti kollha tal-ligi u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f' dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa biex jixhed in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha rrilevaw li huma ma kienux edotti bil-fatti tal-kaz ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat ;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha mal-konvenut assenti, kuntrattat fl-14 ta’ Settembru 2001 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta mhux kontestat li l-partijiet izzewwgu fl-14 ta’ Settembru 2001 meta l-allura, l-attrici cittadina maltija kellha 16-il sena, u l-konvenut cittadin Sirjan kellu 25 sena, u wara li kienu ilhom jafu lil xulxin ftit xhur.

L-attrici tghid li meta huma qatt ma riedu tfal f’ dan iz-zwieg, u di fatti z-zwieg ma giex ikkonsumat. Wara ftit taz-zmien mid-data taz-zwieg, il-konvenut telaq mid-dar konjugali, u sussegwentement kien cempel lill-attrici minn barra u kien qallha li ma kienx ser jirritorna lura Malta, ghax kien rega’ bdielu.

Illi mill-kwadru premess il-Qorti tirravviza fil-konfront taz-zewg partijet, il-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu precitat, stante li l-provi juru bic-car li huma, u b’ mod partikolari l-attrici, ma gharrfux id-dmirijiet tal-hajja konjugali bazata fuq unjoni diretta lejn il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied ; u ghalhekk fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali huma kienu affetti minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq id-drittijiet u d-dmirijiet tal-hajja konjugali.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecedi billi tilqa’ t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-14 ta’ Settembru 2001.

L-ispejjez ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet, izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom provvizorjament jigu mhallas mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------